

Brussell, 28 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

11941/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0298 (NLE)**

---

**ECOFIN 855**  
**CADREFIN 412**  
**UEM 264**  
**FIN 701**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Malta

---

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

### **dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt dettrimentali fuq l-ekonomija ta' Malta. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (il-PDG) per capita ta' Malta kien ta' 86 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir interim tas-sajf tal-2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali ta' Malta naqas b'7,8 % fl-2020, u huwa mistenni li jonqos bi 2,6 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Fost l-aspetti li ilhom jeżistu, li fuq terminu medju jħallu impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika, hemm nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, sfidi relatati ma' tixjiħ tal-popolazzjoni, u dgħufijiet fil-qafas regolatorju u superviżorju, li jipprevjenu lin-negozji milli jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

(2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lil Malta fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li Malta tiegħu miżuri biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku; biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-pensjonijiet; biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa; biex jiġu kkonsolidati l-arranġamenti għal xogħol b'ħinijiet iqsar u biex tiġi żgurata l-adeqwatezza tal-protezzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema kollha; biex tissaħħaħ il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp tal-ħiliet; biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-assistenza għal-likwidità għan-negozji affettwati u għal dawk li jaħdmu għal rashom; biex ikun hemm investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fil-produzzjoni u l-użu tal-enerġija b'mod nadif u effiċjenti, fit-trasport sostenibbli, il-ġestjoni tal-iskart, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Barra minn hekk, Malta nġhatat ir-rakkomandazzjoni li ssaħħaħ il-qafas istituzzjonali tagħha billi ssaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, tkompli bl-isforzi biex tidentifika u tiftaħ kawżi kontra l-korruzzjoni, ittaffi r-riskji tal-ħasil tal-flus, prinċipalment billi tiżgura infurzar effettiv, u taġġusta s-sistema tat-tassazzjoni biex trażżan il-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien ta' meta ġie ppreżentat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP, recovery and resilience plan"), il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-rakkomandazzjoni biex jittieħdu miżuri biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19 ġiet implimentata kollha kemm hi. Sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar l-assistenza għal-likwidità għan-negozji affettwati mill-pandemija.

- (3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro rakkomandat lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u li tkompli ttejjeb il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll lill-Istati Membri taż-żona tal-euro biex isaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, biex jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, biex ilestu l-unjoni ekonomika u monetarja u biex isaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.
- (4) Fit-13 ta' Lulju 2021, Malta ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Dik is-sottomissjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, li twettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, li involva lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lis-sħab soċjali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

- (5) Jenħtieġ li l-RRPs isegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-“Faċilità”) u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094<sup>1</sup>, sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta’ implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta’ proġetti transfruntieri u multinazzjonali, dawn ir-riformi u l-investimenti se jsaħħu lil xulxin b’mod reċiproku u jġibu effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni. Għaldaqstant, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (7) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.1 tal-Anness V tiegħu, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (il-Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b’mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b’hekk jikkontribwixxi b’mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta’ dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li ffaċċja l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja tiegħu.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

- (8) L-RRP jinkludi miżuri li jikkontribwixxu għas-sitt pilastru kollha, b'għadd sinifikanti ta' komponenti tal-RRP li jindirizzaw diversi pilastru. Approċċ bħal dan jikkontribwixxi biex jiżgura li kull pilastru jiġi indirizzat b'mod komprensiv u koerenti. Barra minn hekk, minħabba l-isfidi speċifiċi li Malta taffaċċja, l-enfasi partikolari fuq it-*tkabbir intelliġenti*, *sostenibbli u inklużiv*, *flimkien mal-ponderazzjoni globali bejn il-pilastru*, *titqies li hija bbilanċjata b'mod adegwat*. L-ewwel tliet komponenti tal-RRP Malti mis-sitta li hemm, huma direttament relatati mal-ewwel żewġ pilastru, jiġifieri *t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali*. It-tranżizzjoni ekoloġika hija mistennija li tiġi indirizzata permezz ta' diversi miżuri ta' riforma u investiment li għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw it-*trasport fit-triq*, *jiksbu mobbiltà sostenibbli*, *itejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini*, *itejbu s-sistema ta' ġestjoni tal-iskart*, u *jippromwovu l-enerġija rinnovabbli*. L-investimenti u r-riformi fl-*amministrazzjoni pubblika*, *fis-settur tas-saħħa u fis-sistema ġudizzjarja jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali*.

- (9) L-erba' pilastru ta' politika li jifdal huma indirizzati b'mod adegwat fil-komponenti differenti kollha. Il-miżuri biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola u biex titjeb il-kwalità u l-inklużività tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma mistennija li jżidu l-provvista tal-ħiliet meħtieġa u li jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv kif ukoll jippromwovu politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġh. Ir-reżiljenza ekonomika, soċjali, istituzzjonali u tas-saħħa hija koperta minn miżuri bħalma huma r-riformi u l-investimenti biex tissaħħaħ u tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa, tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-sistema ġudizzjarja permezz tad-diġitalizzazzjoni, u billi jiġu indirizzati l-ostakli istituzzjonali permezz ta' riformi konsistenti fil-governanza. Barra minn hekk, il-miżuri fil-qasam tal-edukazzjoni, tal-ħiliet, tas-saħħa u tal-amministrazzjoni pubblika huma mistennija li jikkontribwixxu għal koeżjoni soċjali u territorjali akbar.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.2 tal-Anness V tiegħu, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (il-Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Malta, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati ufficialment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (11) L-RRP jinkludi ġabra estensiva ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin u li jikkontribwixxu biex b'mod effettiv jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Malta mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari fl-oqsma ta': (a) governanza, inkluż b'rabta mal-indipendenza u l-effettività tas-sistema ġudizzjarja kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, (b) is-saħħa, (c) l-educazzjoni u t-taħriġ u (d) it-trasformazzjoni ekonomika diġitali u ekoloġika, inkluż fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari, l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli. L-investimenti u r-riformi fl-oqsma tal-pensjonijiet, l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u r-riċerka u l-innovazzjoni jindirizzaw parzjalment l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (12) L-RRP għandu l-għan li jssaħħaħ l-indipendenza u l-effettività tal-ġudikatura permezz ta' diversi miżuri, inklużi bidliet fil-proċeduri ta' ħatra tal-Prim Imħallef u tal-membri tal-ġudikatura, żieda fin-numru ta' membri tal-ġudikatura u investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-qorti. Fir-rigward tal-prosekuzzjoni, Malta qed tippjana li tissepara r-rwol doppju tal-Avukat Ġenerali kemm bħala prosekutur kif ukoll bħala konsulent legali tal-gvern, u tippredvi li tittrasferixxi l-prosekuzzjoni tal-każijiet mingħand il-pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. Il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija mistennija li tissaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni, kif ukoll ir-riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni.

- (13) Ir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu huma mistennija li jkomplu jitnaqqsu permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni għall-2021-2023. Barra minn hekk, Malta ħadet l-impenn li tiegħu l-azzjoni meħtieġa biex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet li nstabu fil-valutazzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja ta' Ġunju. Malta qed tippjana wkoll xi miżuri biex trażżan il-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, inkluża l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-prezzijiet ta' trasferiment u studju li jiġi segwit minn emendi leġiżlattivi dwar il-miżuri relatati mal-pagamenti ta' dividendi, ta' imġax u ta' royalties li jidħlu u li joħorġu.
- (14) It-twaqqif ippjanat ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessut u taċ-Ċelloli għal Malta huwa mistenni li jagħmel lil Malta awtosuffiċjenti rigward it-trattamenti innovattivi relatati u huwa mistenni li jikkontribwixxi għar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa. Hemm ippjanati investimenti biex ikomplu jiġu diġitalizzati l-proċessi operazzjonali, inkluż għat-twassil ta' servizzi ta' kura u għall-faċilitajiet tal-outpatients. Ir-riformi huma mistennija wkoll li jsaħħu l-prevenzjoni ta' problemi tas-saħħa fit-tfal u jtejbu l-ġestjoni tal-forza tax-xogħol kif ukoll jiffaċilitaw ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' ħaddiema barranin.

- (15) L-RRP jipprevedi l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Istrateġija dwar l-Impjiegi li għadha kemm ġiet adottata għal mill-inqas il-ħaddiema li huma akbar fl-età (ta' bejn il-55 u l-64 sena) u l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet u biex titnaqqas id-diskrepanza fl-impjiegi bejn l-irġiel u n-nisa. Il-protezzjoni soċjali f'Malta jenħtieġ li tibbenefika minn rieżami perjodiku tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-pensjonijiet. Il-kwistjoni antika dwar it-tluq bikri mill-iskola hija mistennija li tittaffa permezz ta' miżuri ta' intervent u prevenzjoni. Jenħtieġ li l-aċċessibbiltà għal programmi ta' tiġdid u ta' titjib tal-ħiliet tiġi ffaċilitata billi jiġi stabbilit e-kulleġġ. L-iżvilupp tal-ħiliet huwa mistenni li jkun appoġġat minn investiment immirat għal kampus ġdid għall-Istitut għall-Istudji Turistiċi, ikkumplimentat minn programmi aġġornati ta' taħriġ. L-inklużività tal-edukazzjoni hija mistennija li tittejjeb permezz tal-introduzzjoni ta' kmamar ta' taġlim multisensorjali għall-studenti bi ħtiġijiet speċjali f'kulleġġi kif ukoll bit-twaqqif ta' żewġ unitajiet tal-awtiżmu fl-iskejjel sekondarji biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-istudenti bi bżonnijiet speċjali. Hemm inklużi wkoll riformi li jindirizzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni tan-negozji (R&I) u jinkoraġġixxu kooperazzjoni pubblika-privata aktar b'saħħitha.

- (16) Il-biċċa l-kbira tal-investment ippjanat huwa mistenni li jiffoka fuq l-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. It-trasformazzjoni diġitali hija mistennija li tissaħħaħ permezz ta' investment fis-servizzi diġitali tal-gvern, inkluż biex jissaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tan-networks diġitali ċentrali tiegħu. Hija ppjanata aktar diġitalizzazzjoni fis-sistemi tal-ġustizzja u tas-saħħa. It-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li titmexxa 'l quddiem permezz ta' investimenti fir-rinnovazzjoni tas-settur privat u tal-bini pubbliku, l-iskejjel u l-isptarijiet u fil-ġenerazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, it-toroq u l-ispazji pubbliċi. Dawn l-investimenti huma kkumplimentati minn riformi li għandhom l-għan li jsaħħu l-qafas regolatorju fis-settur tal-bini u li jiżguraw ġabra suffiċjenti u diversifikata ta' persunal bl-għarfien espert xieraq. Diversi riformi huma mmirati lejn il-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-iskart, u b'hekk itejbu ċ-ċirkolarità tal-ekonomija.
- (17) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP ta' Malta, minkejja l-fatt li Malta ġeneralment wieġbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata fl-2020 u fl-2021 li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Il-kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.3 tal-Anness V tiegħu, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (il-Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Malta, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għatfal u ż-żgħażaġħ, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, biex b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (19) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandhom il-potenzjal li jżidu l-PDG ta' Malta b'0,7 % sa 1,1 % sal-2026, mingħajr ma jkun inkluż l-impatt pożittiv li possibilment jista' jkollhom ir-riformi strutturali, li huma sostanzjali. L-investimenti huma mistennija li jipprovdu spinta għad-domanda fuq terminu qasir, u b'hekk jikkontribwixxu għall-irkupru tal-ekonomija. It-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali, ir-riformi tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u l-isforzi għad-diġitalizzazzjoni huma mistennija li jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir fuq terminu twil. Huma mistennija aktar benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi mill-investimenti u r-riformi biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika, biex jiġi dekarbonizzat it-trasport, tittejjeb is-sistema tas-saħħa, jingħata appoġġ lin-negozji għar-R&I u tiġi xprunata l-kooperazzjoni pubblika-privata li tkun aktar b'saħħitha.

- (20) L-RRP jinkludi miżuri biex titjeb l-inklużività tal-edukazzjoni, jitjeb l-aċċess għat-taħriġ u tiġi aġġornata s-sistema tas-sigurtà soċjali f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-inizjattivi ta' riforma relatati mal-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni huma mistennija jikkontribwixxu għal aċċess aħjar għall-edukazzjoni, u biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tluq bikri mill-iskola. Ir-riformi u l-investimenti li jindirizzaw is-sehem għoli ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet huma mistennija li jipprovdu lill-popolazzjoni, b'mod partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli, bil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u mistennija li jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija aġġornata dwar l-Impjiegi hija mistennija li żżid ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol Malti. Eżiti aħjar fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol huma mistennija li jikkontribwixxu biex jittaffew ir-riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali li kienu jeżistu qabel.
- (21) It-titjeb fis-servizzi pubbliċi u ż-żieda fl-aċċessibbiltà tagħhom permezz ta' teknoloġiji ġodda għandhom il-potenzjal li jiżguraw aċċess usa' għal kulħadd, inkluż għal dawk li huma aktar diffiċli biex jintlaħqu. L-RRP fih miżuri li huma mistennija li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jagħti opportunitajiet indaqs għal kulħadd, bħall-ġhoti ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' telexogħol għall-amministrazzjoni pubblika, li jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Miżuri li jippromwovu impjegabbiltà aħjar, saħħa aħjar u ħajja tax-xogħol itwal jenħtieġ li jikkontribwixxu biex titnaqqas il-persjoni futura fuq is-sistema tas-sigurtà soċjali u fuq is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u b'hekk titjeb ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-ekonomija quddiem xokkijiet futuri.

Il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

- (22) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.4 tal-Anness V tiegħu, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta’ riformi u proġetti ta’ investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (il-Klassifikazzjoni A) skont is-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (23) Għal kull riforma u investiment, l-RRP jiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali skont is-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, b’mod partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi. Malta pprovdiet ġustifikazzjonijiet skont il-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat 'Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>2</sup> ("gwida teknika"). Fejn kien meħtieġ, Malta pproponiet l-implimentazzjoni ta’ miżuri ta’ mitigazzjoni biex tiġi evitata ħsara sinifikanti. L-implimentazzjoni ta’ dawk il-miżuri jenħtieġ li tiġi ggarantita permezz tal-istadji importanti rilevanti.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13)

<sup>2</sup> ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

(24) Ingħatat attenzjoni partikolari lill-miżuri li l-impatt tagħhom fuq l-objettivi ambjentali jeħtieġ skrutinju mill-qrib. Għall-Istrateġija tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni ta' Malta u l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' segwitu, ir-riskju ta' ħsara sinifikanti jenħtieġ li jiġi evitat billi jiġi żgurati li l-ebda attività f'din l-istrateġija ma twassal għal żieda sinifikanti fir-rimi tal-iskart jew għal diżinċentivi għar-riċiklaġġ jew għall-preparazzjoni tal-użu mill-ġdid, u li l-iskart użat għall-irdim ikun skart xieraq mhux perikoluż li jissostitwixxi l-materjali li ma jkunux skart u jkunu limitati għall-ammont strettament meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 3, punt 17a, tad-Direttiva 2008/98/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Jenħtieġ li l-investiment fil-bini ta' sit għall-iżbark tal-laneċ jittrasferixxi t-trasport mit-triq għall-baħar, u b'hekk jinkoraġġixxi l-multimodalità u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konġestjoni u l-kwalità tal-arja. Peress li l-infrastruttura tista' tintuża wkoll minn vapuri b'magna tal-kombustjoni, bħala miżura ta' sostenn Malta jenħtieġ li tinstalla infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku għall-vapuri, f'konformità mal-gwida teknika . Peress li l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar hija meħtieġa skont stadju importanti, ma hija mistennija l-ebda ħsara sinifikanti. Barra minn hekk, Malta ħadet l-impenn vinkolanti permezz ta' stadju importanti li jimplementa kwalunkwe riżultat jew kundizzjoni mill-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali meħtieġa għall-miżura.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Il-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.5 tal-Anness V tiegħu, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (il-Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 53,8 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konformi mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) tal-2021-2030.
- (26) Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija li jmexxu 'l quddiem l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tranżizzjoni enerġetika ta' Malta kif stabbiliti fl-NECP tal-2021-2030, u b'hekk jikkontribwixxu għall-mira u l-oġettiv tal-Unjoni għall-klima. Huwa meħtieġ finanzjament pubbliku addizzjonali biex jiġi mobilizzat il-volum totali ta' investimenti pubbliċi u privati meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-NECP tal-2021-2030. L-investimenti għall-promozzjoni tat-trasport sostenibbli jipprovdu parti sostanzjali mill-kontribuzzjoni klimatika tal-RRP. Dawn huma kkomplementati minn riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-ippjanar tat-trasport, iwessgħu l-aċċess liberu għat-trasport pubbliku, u jimplimentaw il-Pjan ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta. Kontributi klimatiċi jew ambjentali sinifikanti oħra huma mistennija li jsiru permezz ta' interventi għall-effiċjenza enerġetika f'bini privat u pubbliku, bħal sptarijiet u skejjel, u l-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi f'binjiet, toroq, mogħdijiet u spazji pubbliċi oħra.

- (27) L-RRP fih miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-protezzjoni ambjentali. Filwaqt li l-ebda miżura ma għandha direttament bħala għan it-titjib tal-bijodiversità, diversi miżuri jista' jkollhom effett indirett pożittiv. Peress li t-tniġġis huwa dak li jixpruna t-telf tal-bijodiversità, ir-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika u l-miżuri għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport huma mistennija li jikkontribwixxu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu, u b'hekk isaħħu l-bijodiversità. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi miżuri dwar il-ġestjoni tal-iskart u speċifikament rigward ir-riorganizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart, l-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni żviluppati fl-Istrateġija ppjanata tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni, il-plastik li jintuża darba biss, u r-responsabbiltà estiża li għandu l-produttur. It-titjib fil-qafas tal-politika dwar l-iskart huwa mistenni li jtejjeb il-prevenzjoni tal-iskart, jissepara l-ġbir tal-iskart u t-trattament tiegħu, u b'hekk jikkontribwixxi wkoll indirettament għall-protezzjoni tal-bijodiversità fil-gżejjer Maltin. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri proposti hija mistennija li jkollha impatt deġġeni, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-protezzjoni ambjentali.

#### Il-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.6 tal-Anness V tiegħu, l-RRP fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (il-Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew li jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25,5 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta-Regolament (UE) 2021/241.

- (29) L-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi b' mod sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali f' Malta. Tliet komponenti tal-RRP fihom miżuri mmirati lejn it-tranżizzjoni diġitali fl-amministrazzjoni pubblika, fis-settur privat, kif ukoll fis-sistema tal-kura tas-saħħa u fis-sistema ġudizzjarja.
- (30) Sehem kbir mill-investimenti diġitali huwa maħsub għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi. B' mod partikolari, l-RRP jinkludi investimenti biex tissaħħaħ l-infrastruttura diġitali tal-gvern, jissaħħu s-servizzi pubbliċi diġitali u jizjed l-użu tagħhom, u jiġi diġitalizzati id-Direttorat tal-Bastimenti tal-Merkanzija ta' Malta. Barra minn hekk, l-RRP huwa mistenni li jintensifika d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat billi jistabbilixxi miżuri li jappoġġaw il-kumpaniji, b' mod partikolari l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, f' diversi setturi ekonomiċi biex jiġu diġitalizzati l-operazzjonijiet tagħhom, u b' hekk titjeb l-effiċjenza, il-produttività u l-esperjenza tal-klijenti. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi investimenti fid-diġitalizzazzjoni u f'teknoloġiji ġodda fis-sistema tal-kura tas-saħħa, bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-kura tal-pazjenti, titjeb l-esperjenza tal-pazjenti permezz tal-għoti ta' informazzjoni f' waqtha u trasparenti, u billi jitnaqqas il-ħin ta' stennija. Barra minn hekk, l-RRP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' għadd ta' soluzzjonijiet u għodod diġitali siguri li jappoġġaw lill-utenti fis-settur tal-ġustizzja permezz tal-kollaborazzjoni u l-integrazzjoni, permezz ta' aċċessibilità akbar għall-ġustizzja u l-effiċjenza msaħħa tas-sistema ġudizzjarja. Fl-aħħar nett, minbarra l-investimenti, l-RRP fih riformi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni diġitali b' mod durabbli. B' mod partikolari, il-pjan jipprevedi l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Istrateġija Diġitali ta' Malta tal-2021-2027 (b' mod partikolari, biex jitnaqqas id-distakk diġitali u jikber il-grupp ta' speċjalisti tal-ICT) u l-adozzjoni tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta b' enfasi fuq il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fin-negozju u t-tiżni tal-kooperazzjoni pubblika-privata.

## Impatt dejjiemi

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.7 tal-Anness V tiegħu, l-RRP huwa mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt dejjiemi fuq Malta (il-Klassifikazzjoni A).
- (32) L-RRP jippreżenta riformi biex il-qafas istituzzjonali ta' Malta jissaħħa b'mod dejjiemi, b'mod partikolari billi titjeb l-effettività u l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u tal-entitajiet tal-infurzar tal-liġi, u jitnaqqsu r-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-isfidi kkawżati minn suq tax-xogħol aktar strett f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll mis-sehem għoli ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet, qed jiġu indirizzati permezz ta' għadd ta' miżuri mmirati lejn it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-adulti, filwaqt li jiġu indirizzati l-attrattività, iż-żamma u l-integrazzjoni ta' ħaddiema barranin, b'mod partikolari fis-settur tas-saħħa, filwaqt li l-protezzjoni soċjali tkun aktar sostenibbli u adattabbli għaċ-ċiklu ekonomiku. Huma mistennija wkoll benefiċċji fit-tul fil-qasam tal-edukazzjoni permezz ta' riformi biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u titjeb il-kwalità u l-inklużività tas-sistema edukattiva. Fir-rigward tal-ambjent, l-RRP jintroduċi riformi bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet dannużi mis-setturi tal-bini u tat-trasport u titjeb iċ-ċirkolarità tal-ekonomija.

- (33) Ċerti investimenti għandhom l-għan li jtejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika permezz ta' thejjiġa diġitali aħjar f'għadd ta' entitajiet pubbliċi, inkluż fid-Direttorat tal-Bastimenti tal-Merkanzija ta' Malta, fil-qrati u s-settur tas-saħħa. It-turiżmu, settur importanti għall-ekonomija Maltija, qiegħed ukoll direttament fil-mira permezz tal-ħolqien ta' ċentru tal-edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja. L-isfidi ambjentali, li saru aktar viżibbli biż-żieda rapida fil-popolazzjoni f'dawn l-aħħar snin, qed jiġu indirizzati wkoll permezz ta' investimenti fir-rinnovazzjoni ta' binjiet tas-settur pubbliku u privat, fl-enerġija rinnovabbli u f'mezzi alternattivi tat-trasport.
- (34) L-impatt fit-tul tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi dawk iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

#### Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.8 tal-Anness V tiegħu, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (il-Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP b'mod effettiv, inkluża l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (36) L-istruttura tal-ġestjoni hija definita sew u r-responsabbiltajiet huma allokat i b' mod ċar. Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-Fondi tal-Unjoni għandu s-setgħa li jwettaq il-kompiti relatati mal-koordinazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll. Fil-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni, twaqqfet id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet biex tiżgura t-tmexxija, il-koordinazzjoni u s-sorveljanza ġenerali, biex b'hekk il-qafas ta' governanza tal-fondi ta' koeżjoni Ewropej jiġi estiż għall-RRP. Id-diversi istituzzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni huma indikati b' mod ċar fid-deskrizzjoni tas-sitt komponenti.
- (37) L-istadji importanti u l-miri jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP. Huma ċari u komprensivi biżżejjed biex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tkun tista' tiġi ttraċċata u vverifikata. Dawn jirriflettu b' mod adegwat il-livell ġenerali ta' ambizzjoni tal-RRP u jidhru li huma realistiċi. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet jidhru robusti biżżejjed biex it-tlestija tal-istadji importanti u tal-miri jiġu vverifikati u biex it-talbiet għall-iżborż jkunu ġġustifikati b' mod adegwat. L-istadji importanti u l-miri huma wkoll rilevanti għall-miżuri li diġà tlestew li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tweqqif sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri maż-żmien huwa meħtieġ biex tiġi ġġustifikata t-talba għal żborż.

- (38) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju permezz tal-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

#### Spejjeż

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.9 tal-Anness V tiegħu, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija moderatament (il-Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (40) Malta pprovdiet stima tal-ispejjeż għal kull investiment inkluż fl-RRP. Għal ħafna mill-miżuri, it-tqassim tal-ispejjeż huwa ddettaljat kif ukoll sostanzjat sew. L-istimi huma bbażati l-aktar fuq it-tqabbil ma' kuntratti pubbliċi għal servizzi simili jew investimenti imgħoddija tal-istess natura. Madankollu, f'xi każijiet l-ispejjeż huma bbażati fuq għidizzju esperti ta' aġenziji tal-gvern responsabbli jew ta' konsulenti privati. F'dawn il-każijiet, il-punti ta' riferiment tal-ispejjeż huma inqas ċari, peress li huma deskritti f'manjiera relattivament ġenerali u huma bbażati fuq informazzjoni li l-affidabbiltà tagħha hija aktar diffiċli biex tiġi vverifikata. Il-metodoloġija u l-kalkoli huma deskritti b'mod ċar u sostnuti minn suppożizzjonijiet tajbin fil-biċċa l-kbira tagħhom. Madankollu, f'xi każijiet, l-istima tal-ispiża finali tiddevja mid-*data* sottostanti tas-sors, mingħajr ma jiġu spjegati r-raġunijiet għal tali devjazzjoni. Barra minn hekk, f'xi każijiet ma hemmx biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' ssir verifikazzjoni xierqa tal-kalkoli sussegwenti. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

## Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.10 tal-Anness V tiegħu, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (il-Klassifikazzjoni A) għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, tal-frodi u tal-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dan ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju permezz ta' dan ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jeżegwixxu konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, tal-frodi u tal-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

(42) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti u tidentifika b'mod ċar l-atturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-tweġġ ta' kompiti ta' kontroll intern. Il-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE huwa responsabbli mill-koordinazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-RRP. Fil-Ministeru, id-Diviżjoni għall-Kordinazzjoni tal-Ippjanar u l-Prijoritajiet (PPCD, Planning and Priorities Coordination Division) hija inkarigata mill-implimentazzjoni effettiva tal-RRP, b'mod partikolari l-funzjoni identifikata fl-Artikolu 22(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jenħtieġ li tiegħu l-miżuri xierqa kollha biex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Ir-rappurtar u l-monitoraġġ jeħtieġ li jiġu rreġistrati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Maniġerjali ġestita mill-PPCD, li Malta kkonfermat li hija lesta u funzjonali għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-RRP. L-awditi jenħtieġ li jitwettqu mid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, li huwa korp indipendenti. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi proċeduri rilevanti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' finanzjament doppju, il-kunflitti ta' interess, il-frodi u l-korruzzjoni, inklużi arranġamenti għall-ġbir tad-*data* u biex id-*data* dwar ir-riċevituri finali tkun disponibbli. L-atturi responsabbli mill-kontrolli huma mistennija li jkollhom is-setgħa legali, il-kapaċità teknika u kapaċità amministrattiva msaħħa biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti ppjanati tagħhom. Huwa indispensabbli qafas robust kontra l-korruzzjoni fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet bħalma huma l-frodi, il-korruzzjoni jew il-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi permezz tal-Faċilità .

## Il-koerenza tal-RRP

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-paragrafu 2.11 tal-Anness V tiegħu, l-RRP jinkludi miżuri li fil-biċċa l-kbira jikkontribwixxu (il-Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (44) L-RRP ta' Malta tikkonsisti f'sitt komponenti b'taħlita bbilanċjata ta' investimenti u riformi. Kull komponent jinkludi riformi u investimenti li huma konformi u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Pereżempju, ir-riformi li jsaħħu l-qafas regolatorju tas-settur tal-bini u jiżguraw forza tax-xogħol imħejjija tajjeb jappoġġaw ir-rinnovazzjoni ppjanata tal-bini pubbliku u tas-settur privat, tal-iskejjel pubbliċi u l-isptarijiet. Hemm ukoll sinerġiji importanti bejn il-komponenti differenti. Pereżempju, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-adulti huma previsti permezz ta' komponenti differenti li jsostnu u jikkomplementaw lil xulxin. L-ebda miżura ma tikkontradixxi jew iddgħajjef l-effettività ta' miżura oħra.

## L-ugwaljanza

- (45) L-RRP fih sensiela ta' miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Il-miżuri għandhom l-għan li: jtejbu l-infrastruttura tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u tal-indukrar tagħhom sabiex jikkontribwixxu biex it-tfal kollha jingħataw opportunitajiet indaqs u biex il-persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar li ma jitħallsux jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari n-nisa; u jippromwovu soluzzjonijiet ta' telexogħol għall-amministrazzjoni pubblika sabiex jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jimplimentaw il-miżuri inklużi fl-Istrateġija dwar l-Impjiegi li jmiss rigward ħaddiema li huma akbar fl-età (ta' bejn il-55 u l-64 sena), adulti b'livell baxx ta' ħiliet u d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi. Ir-riformi u l-investimenti biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' tiġdid u titjib tal-ħiliet għall-adulti kollha, u b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, huma mistennija li jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti żgħażaġh u l-persuni minn sfond soċjoekonomiku vulnerabbli, inkluż bi sfond ta' migrazzjoni. Ta' min jinnota li fl-RRP Malta inkludiet l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Politika Nazzjonali ta' Inklużjoni aġġornata tagħha, flimkien ma' miżura għal riforma apposta biex titjeb l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għal studenti bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u għall-Integrazzjoni, inkluż l-indirizzar tal-istereotipi tal-ġeneri u l-ġbir ta' *data* diżaggregata biex ikompli jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza. Barra minn hekk, Malta tenfasizza li r-riformi u l-investimenti kollha se jiġu implimentati f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali tad-Diżabilità tagħha.

## L-awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (46) F'konformità mal-Artikolu 18(4), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih l-awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-kapaċitajiet diġitali. Huwa jistabbilixxi miżuri ġenerali u speċifiċi li l-awtoritajiet Maltin għandhom l-għan li japplikaw sabiex jimmitigaw kwalunkwe riskju ċibernetiku, inkluż, kif xieraq, l-eżami tad-disinji tekniċi fl-istadju tal-akkwist, il-klawżoli speċifiċi u l-iskeda tas-sigurtà fil-kuntratti ta' servizz mal-fornituri, il-kriptaġġ tad-*data*, l-awtentikazzjoni b'diversi fatturi u sistema li tindividwa intrużjoni.

## Il-proċess ta' konsultazzjoni

- (47) L-awtoritajiet Maltin ikkonsultaw aktar minn 145 entità biex jiddeterminaw l-oġġettivi ewlenin tal-politika għall-finanzjament tal-Unjoni, inkluża l-Faċilità. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ipprova għarfien dwar il-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet ta' investiment meħtieġa għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' Malta. Il-parametri wiesgħa tal-RRP ġew diskussi mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, li jinkludi rappreżentanti mill-korpi ewlenin tal-impjegaturi, it-trade unions u s-soċjetà ċivili. L-RRP ġie ppreżentat lill-Parlament qabel ma ġie sottomess.

- (48) Il-konsultazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-RRP f'Malta huma mistennija li jitwettqu b'mod ġenerali f'konformità mal-qafas ta' konsultazzjoni adottat għall-proċess tas-Semestru Ewropew. Dawn il-konsultazzjonijiet huma mistennija li jitmexxew mill-Ministeru inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi tal-UE, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Impjiegi, u jenħtieġ li jinvolvu s-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-sħab soċjali matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

#### Valutazzjoni pożittiva

- (49) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP ta' Malta bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

## Kontribuzzjoni finanzjarja

- (50) L-ispiża totali stmata tal-RRP ta' Malta hija ta' EUR 344 900 000. Billi l-RRP jikkonforma b' mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal Malta, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP ta' Malta jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Malta.
- (51) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Malta jrid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun disponibbli għal Malta ammont li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1), ta' dan ir-Regolament bħala impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn ikun neċessarju, wara li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima tiġi aġġornata, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.

- (52) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mill-għoti b'self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053<sup>1</sup>. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti ladarba Malta tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (53) Malta talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Dan l-ammont jenħtieġ li jkun disponibbli għal Malta soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu (il-“ftehim ta' finanzjament”).
- (54) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni ħlief tal-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni il-każijiet ta' għajjnuna mill-Istat potenzjali, skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

*Artikolu 1*

*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP ta' Malta fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess shiġh għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*  
*Kontribuzzjoni finanzjarja*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Malta kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 316 403 496<sup>1</sup>. L-ammont ta' EUR 171 064 988 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal Malta li hija ugwali għal EUR 316 403 496 jew aktar, għandu jkun disponibbli ammont ieħor ta' EUR 145 338 507 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal Malta li tkun inqas minn EUR 316 403 496, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 171 064 988 għandha tkun disponibbli biex tiġi impenjata legalment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

---

<sup>1</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Malta tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal Malta f'pagamenti f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 41 132 454 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u l-pagamenti f'daqqa jew f'diversi partijiet. Id-daqs tal-partijiet għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jiġi rilaxxat dment li jidħol fis-seħħ il-ftehim ta' finanzjament, u f'konformità miegħu. Il-prefinanzjament għandu jiġi approvat billi jitnaqqas proporzjonalment mill-ħlas tal-pagamenti.
4. Ir-rilaxx tal-pagamenti f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u għal deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li Malta tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għall-pagament, Malta għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*  
*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---